MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 917/2011

Carmelo sive Charles Foca (Id. 462371M).

Vs

Arriva Malta Limited (C-48875).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma komplessiva ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) kera dovuta lill-attur ai termini tal-iskrittura privata datata 23 ta' Dicembru 2010, u kwantu ghas-somma ta' mitt ewro (€100) spejjes inkorsi mill-attur kawza ta' inadempjenza tas-socjeta' konvenuta mal-iskrittura surreferita. Bl-ispejjes u bl-imghax fuq l-ammonti dovuti mid-data li tali ammonti saru dovuti sad-data tal-pagament

effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------